IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.11.2023
C(2023) 8067 final

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta' 29.11.2023**

**dwar il-mezzi biex jiġi indirizzat l-impatt tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fuq il-forza tax-xogħol tat-trasport**

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta' 29.11.2023**

**dwar il-mezzi biex jiġi indirizzat l-impatt tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fuq il-forza tax-xogħol tat-trasport**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) L-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti[1] tistabbilixxi pjan direzzjonali biex it-trasport fl-Unjoni jitqiegħed b'mod konkret fit-triq it-tajba għal futur sostenibbli u intelliġenti. Wieħed mill-istadji importanti[2] fit-triq lejn mobilità sostenibbli, intelliġenti u reżiljenti huwa li sal-2030, il-mobilità awtomatizzata se tintuża fuq skala kbira. L-istrateġija tirrikonoxxi li l-bidliet fis-settur tat-trasport, b'mod partikolari dawk relatati mal-awtomatizzazzjoni u mad-diġitalizzazzjoni, qed joħolqu ħafna sfidi ġodda kif ukoll opportunitajiet għall-forza tax-xogħol tat-trasport. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li din ir-Rakkomandazzjoni tiġi adottata (l-Azzjoni 69 tal-pjan ta' azzjoni tal-istrateġija).

(2) Fl-EU-27, madwar 10 miljun persuna[3] huma impjegati fis-settur tas-servizzi tat-trasport u l-ħżin (inklużi l-attivitajiet postali u ta' kurrier), li jirrappreżenta 5,2 % tal-forza tax-xogħol totali[4]. Madwar 53 % minnhom jaħdmu fit-trasport fuq l-art (bit-triq, bil-ferrovija u bil-pipelines), 3 % fit-trasport bl-ilma (bil-baħar u bil-passaġġi fuq l-ilma interni), 4 % fit-trasport bl-ajru, 26 % fil-magazzinaġġ u ta' appoġġ għat-trasport (bħall-ġarr, il-ħżin u l-magazzinaġġ) u l-14 % li jifdal fl-attivitajiet postali u ta' kurrier. In-nisa huma sottorappreżentati fil-forza tax-xogħol tas-settur tat-trasport tal-UE (22 %). Analiżi skont l-età tal-forza tax-xogħol tat-trasport tal-UE fl-2021[5] turi li s-sehem għall-persuni ta' bejn it-30 u d-49 sena kien simili għal dak għall-ekonomija kollha, iżda s-sehem ta' ħaddiema akbar fl-età kien ogħla fis-settur tat-trasport (36,9 %

---

[1] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur (COM/2020/789 final).

[2] Dawn l-istadji importanti huma stabbiliti biex juru t-triq tas-sistema Ewropea tat-trasport lejn l-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni ta' mobilità sostenibbli, intelliġenti u reżiljenti, u b'hekk jindikaw l-ambizzjoni meħtieġa għall-politiki futuri.

[3] Ċifri dwar l-għadd ta' persuni impjegati fit-trasport, il-forza tax-xogħol totali u t-tqassim modali bbażat fuq l-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-Eurostat (età ta' bejn 15 u 64 sena) – il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport, *EU transport in figures: statistical pocketbook 2022*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022, https://data.europa.eu/doi/10.2832/216553.

[4] 4,6 % tal-impjiegi totali jekk l-attivitajiet postali u ta' kurrier ma jiġux inklużi.

[5] Il-Kummissjoni Ewropea, il-Eurostat, Jere, N., Corselli-Nordblad, L., Ford-Alexandraki, E., et al., *Key figures on European transport: 2022 edition*, Jere, N. (editur), Corselli-Nordblad, L. (editur), Ford-Alexandraki, E. (editur), Xenellis, G. (editur), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023, https://data.europa.eu/doi/10.2785/322262.

għandhom bejn 50 u 64 sena), filwaqt li s-sehem ta' ħaddiema iżgħar kien aktar baxx (12,1 % għandhom bejn 15 u 29 sena).

(3) B'madwar EUR 555 biljun f'Valur Miżjud Gross (GVA) bil-prezzijiet kurrenti, is-settur tas-servizzi tat-trasport u l-ħżin (inklużi l-attivitajiet postali u ta' kurrier) fl-2020 kien jammonta għal madwar 5 % tal-GVA totali fl-EU-27[6].

(4) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jistabbilixxi 20 prinċipju u dritt fundamentali li huma essenzjali għal swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jaħdmu tajjeb. Il-Pilastru huwa l-ġabra tar-regoli Ewropej biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni ekoloġika u t-tranżizzjoni diġitali jkunu soċjalment ġusti u xierqa, kemm għall-utenti tat-trasport[7] kif ukoll għall-forza tax-xogħol tat-trasport. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika[8] tistabbilixxi gwida komprensiva għall-Istati Membri dwar il-pakketti ta' politika meħtieġa biex ħadd ma jitħalla jibqa' lura fit-tranżizzjoni ekoloġika. L-istrateġija diġitali tal-Unjoni[9] għandha l-għan li tagħmel it-trasformazzjoni diġitali taħdem għan-nies u għan-negozji, filwaqt li tgħin biex tintlaħaq il-mira tagħha ta' Ewropa newtrali għall-klima sal-2050. Il-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali[10] stabbilixxa miri diġitali, inkluż għal popolazzjoni b'ħiliet diġitali u għal professjonisti diġitali b'livell għoli ta' ħiliet, kif ukoll għat-trasformazzjoni diġitali tan-negozji.

(5) L-istudju "The social dimension of the transition to automation and digitalisation in transport, focusing on the labour force"[11] ivvaluta s-sensibilizzazzjoni, it-tħejjija u l-ħtieġa ta' gwida tal-partijiet ikkonċernati tat-trasport. Dan sab li, b'mod ġenerali, fis-settur, ftit li xejn hemm għarfien dwar l-impatt tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fuq il-forza tax-xogħol tat-trasport. Il-partijiet ikkonċernati tat-trasport huma, bħala medja, imħejjija b'mod moderat għal din it-tranżizzjoni. It-trade unions u l-korpi pubbliċi nazzjonali jidhru li jantiċipaw jew jimmaniġġaw il-bidla aktar mill-impjegaturi. Il-partijiet ikkonċernati mistħarrġa jindikaw li jekk ikunu meħtieġa gwida u miżuri addizzjonali, jenħtieġ li jenfasizzaw l-aktar fuq il-kondiviżjoni tal-għarfien, kif ukoll fuq it-taħriġ u l-edukazzjoni tal-forza tax-xogħol. Peress li l-impjegaturi fil-qasam tat-trasport – b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta'

---

6 Is-sehem mit-trasport jammonta għal 4,6 % tal-GVA totali jekk l-attivitajiet postali u ta' kurrier ma jiġux inklużi. Stimi bbażati fuq il-Kont Nazzjonali tal-Eurostat (*data* tal-2018) – il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport, *EU transport in figures: statistical pocketbook 2022*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022, https://data.europa.eu/doi/10.2832/216553.

7 L-istudju dwar "Id-dimensjoni soċjali tas-sistema futura tat-trasport tal-UE rigward l-utenti u l-passiġġieri" identifika l-isfidi u l-opportunitajiet maħluqa mill-modernizzazzjoni tas-sistema tat-trasport għal gruppi differenti ta' utenti tat-trasport — inklużi ċittadini b'litteriżmu baxx fl-IT jew b'aċċess limitat għall-internet — u rrieżamina soluzzjonijiet possibbli li jiżguraw li l-utenti jkunu fiċ-ċentru tas-sistema tat-trasport futura: Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport, Kouris, S., *Study on the social dimension of the future EU transport system regarding users and passengers – Final report*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022, https://data.europa.eu/doi/10.2832/482141.

8 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika 2022/C 243/04 (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 35).

9 https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/europe-fit-digital-age_mt

10 Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4).

11 Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport, *Study on the social dimension of the transition to automation and digitalisation in transport, focusing on the labour force: final report*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021, https://data.europa.eu/doi/10.2832/95224.

daqs medju (SMEs)[12] – spiss ma jkunux konxji tal-miżuri jew tal-istrateġiji li għandhom l-għan li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni għall-forza tax-xogħol, id-dimensjoni soċjali tal-awtomatizzazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni tidher li ma hijiex is-suġġett prijoritarju tagħhom.

(6) Il-konklużjonijiet tal-istudju tqiegħdu f'qafas metodoloġiku ispirat mir-riżultati tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Impatt tat-Trasformazzjoni Diġitali fuq is-Swieq tax-Xogħol tal-UE[13]. Dak il-qafas jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-prekundizzjonijiet li huma essenzjali għal tranżizzjoni bla xkiel (jiġifieri l-għarfien tad-dimensjoni soċjali; l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet futuri f'termini ta' ħiliet; djalogu soċjali kostruttiv; ambjent leġiżlattiv abilitanti; attitudni pożittiva lejn il-bidla) u l-faċilitaturi li se jikkontribwixxu biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni.

(7) L-abbozz ta' kontenut ta' din ir-Rakkomandazzjoni ġie diskuss mal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet soċjali orizzontali fit-trasport[14] u, f'konferenza tal-partijiet ikkonċernati f'Marzu 2023[15], mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha mis-settur tat-trasport, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, it-trade unions, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-kumpaniji, u l-professjonisti tat-trasport. Il-Kumitati għad-Djalogu Soċjali Settorjali stabbiliti fid-diversi segmenti tas-settur tat-trasport[16] ġew ikkonsultati wkoll.

(8) L-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni ma humiex fenomeni ġodda. Dawn huma interkonnessi, iżda l-impatt tagħhom fuq il-forza tax-xogħol ma huwiex neċessarjament l-istess. L-awtomatizzazzjoni hija parti minn kunċett usa' ta' diġitalizzazzjoni u hija definita bħala "s-sostituzzjoni tal-kontribut tal-bniedem, b'mod sħiħ jew parzjali, b'input ta' magna jew software[17]. Il-kunċett usa' tad-diġitalizzazzjoni huwa definit bħala "l-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali u tad-*data* diġitalizzata fl-aspetti kollha tal-ħajja"[18]. Għalhekk, minflok ma tissostitwixxi l-kontribut tal-bniedem b'mod sħiħ jew parzjali, id-diġitalizzazzjoni tfisser l-użu ta' għodod diġitali fuq il-post tax-xogħol.

(9) L-iżviluppi fis-suq tax-xogħol mhux biss se jkunu influwenzati mit-teknoloġija, inklużi l-kost u l-aċċettazzjoni tagħha, iżda wkoll minn fatturi oħra, bħall-globalizzazzjoni, it-tibdil demografiku, it-tranżizzjoni ekoloġika, ix-xejriet ekonomiċi u xejriet soċjali oħra, u l-ambjent regolatorju. Barra minn hekk, il-pass tal-

12 Għad-definizzjoni ta' SME, ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

13 Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija, *Report of the high-level expert group on the impact of the digital transformation on EU labour markets*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2019, https://data.europa.eu/doi/10.2759/586795.

14 https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?lang=mt&do=groupDetail.groupDetail&groupID=3732

15 Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport, *Stakeholder conference on means to mitigate the impact of the transition to automation and digitalisation on the transport workforce: conference report*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023, https://data.europa.eu/doi/10.2832/532110.

16 F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/500/KE tal-20 ta' Mejju 1998 dwar l-istabbiliment ta' Kumitati ta' Djalogu Settorjali biex iġibu 'l quddiem id-djalogu bejn l-imsieħba soċjali fuq livell Ewropew (ĠU L 225, 12.8.1998, p. 27).

17 https://www.eurofound.europa.eu/data/digitalisation/research-digests/automation-digitisation-and-platforms-in-the-world-of-work#s-178

18 https://www.eurofound.europa.eu/data/digitalisation/research-digests/automation-digitisation-and-platforms-in-the-world-of-work#s-176

awtomatizzazzjoni se jvarja bejn il-pajjiżi u r-reġjuni, il-modi tat-trasport, it-tipi ta' okkupazzjoni, u l-ħiliet u l-kompetenzi.

(10) Skont rapport reċenti dwar il-futur tax-xogħol fit-trasport[19], hemm varjazzjoni kbira fir-riskji tal-awtomatizzazzjoni tal-impjiegi fil-pajjiżi l-aktar industrijalizzati. Bejn 5,7 u 50 fil-mija tal-impjiegi b'livell baxx ta' ħiliet (bħal ħaddiema tat-tarzna jew ħaddiema li jippostjaw il-bagalji) huma esposti għal riskju għoli ta' awtomatizzazzjoni. Ir-riskju għall-impjiegi b'livell medju ta' ħiliet (bħal baħħara kapaċi jew sewwieqa tat-trakkijiet tqal) huwa bejn 7 fil-mija u 23 fil-mija. B'sa 2 fil-mija biss, l-impjiegi b'livell għoli ta' ħiliet (bħall-uffiċjali tal-bastimenti, il-bdoti tal-inġenji tal-ajru u l-professjonisti) għandhom l-aktar potenzjal stmat baxx ta' telf ta' impjiegi li jirriżulta mill-introduzzjoni ta' teknoloġiji ta' awtomatizzazzjoni.

(11) Il-proġett Ewropew ta' riċerka SKILLFUL[20] identifika l-impjiegi u l-pożizzjonijiet li huma mistennija li jiġu affettwati l-aktar mill-bidliet u mill-iżviluppi preżenti u futuri tas-sistema Ewropea tat-trasport. Fost l-impjiegi fil-qasam tat-trasport li x'aktarx jinbidlu hemm is-sewwieqa, l-operaturi manwali, l-emittenti u l-kontrolluri tal-biljetti, il-persunal taċ-ċentri loġistiċi, il-kontrolluri tas-sigurtà, u l-iskrivani tal-prenotazzjoni u l-aġenti tal-ivvjaġġar. Fost dawk li huma mistennija li jsiru aktar rilevanti hemm il-maniġers tal-loġistika, l-operaturi tal-loġistika fit-terminals u d-dispaċers tal-konsenja, l-esperti dwar l-intelliġenza artifiċjali, it-trasformazzjoni diġitali, il-big *data*, l-esperti tas-sigurtà u taċ-ċibersigurtà, il-persunal tas-servizzi legali u l-ispeċjalisti tal-protezzjoni tal-privatezza, u l-operaturi awtomatizzati tal-vetturi u tad-droni.

(12) Partijiet ikkonċernati differenti jistgħu jipperċepixxu l-objettiv tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni u l-impatt tagħhom fuq il-forza tax-xogħol b'modi differenti. It-trawwim ta' fehim komuni tal-benefiċċji u l-isfidi possibbli ta' dawn l-iżviluppi u l-kwistjonijiet involuti se jsaħħaħ il-kooperazzjoni u l-ispirtu ta' tim fost il-gruppi tal-partijiet ikkonċernati.

(13) Is-Sħubijiet Ewropej relatati mat-Trasport skont il-programm Orizzont Ewropa, bħall-Mobilità konnessa, kooperattiva u awtomatizzata (CCAM)[21], Lejn trasport bit-triq mingħajr emissjonijiet (2Zero)[22] u Trasport fuq l-ilma b'emissjonijiet żero (ZEWT)[23], jistgħu jiffaċilitaw l-iskambju dwar l-impatt soċjali tat-tranżizzjoni, peress li jlaqqgħu flimkien networks differenti u estensivi tal-partijiet ikkonċernati pubbliċi-privati.

(14) It-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid huma kruċjali għall-ġestjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika u t-tranżizzjoni diġitali. Forza tax-xogħol bil-ħiliet ix-xierqa tikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli, twassal għal aktar innovazzjoni u ttejjeb il-kompetittività tal-kumpaniji. Il-Prinċipju 1 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjara li "kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi sabiex jinżammu u jinkisbu ħiliet li jippermettulhom jipparteċipaw bis-sħiħ

---

[19] World Maritime University, *Transport 2040: Automation, Technology, Employment – The Future of Work* (2019). Rapporti. 58. https://commons.wmu.se/lib_reports/58.

[20] Skills and competences development of future transportation professionals at all levels (https://www.skillfulproject.eu/) – Deliverable D1.1 (2017) *Future scenarios on skills and competences required by the transport sector in the short mid and long-term.*

[21] https://www.ccam.eu/ – Barra minn hekk, il-proġett Orizzont Ewropa "CCAM effects on jobs and education, plans for skills that match the CCAM development, and prerequisites for employment growth" (HORIZON-CL5-2023-D6-01-05) se jikkontribwixxi għal fehim imtejjeb tal-effetti fuq l-impjiegi fuq perjodu qasir, medju u twil.

[22] https://www.2zeroemission.eu/

[23] https://www.waterborne.eu/partnership/partnership

fis-soċjetà u jiġġestixxu b'suċċess it-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol". Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet[24] għandha l-għan li tgħin lin-nies jiksbu l-ħiliet ix-xierqa għal impjiegi ta' kwalità u li tgħin lill-kumpaniji, b'mod partikolari lill-SMEs, jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet fl-Unjoni.

(15) Is-settur tat-trasport ġie identifikat bħala wieħed mis-setturi fejn l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew (kif ukoll l-istrateġiji nazzjonali rilevanti) se tirrikjedi ħiliet u ħaddiema ġodda, u fejn il-forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati diġà hija skarsa. Minbarra n-nuqqasijiet marbuta mal-bidla lejn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u materjali, prodotti u modi ta' trasport sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, diġà hemm nuqqas sinifikanti ta' ħaddiema viżibbli ħafna f'ċerti okkupazzjonijiet tat-trasport. Is-sewwieqa tat-trakkijiet tqal ġew ikklassifikati fost l-ewwel għaxra fir-rigward tan-nuqqas ta' ħaddiema fir-rapporti kollha dwar l-iżbilanċi fis-suq tax-xogħol fl-Ewropa[25] li twettqu mill-2017. Fl-2022, għall-ewwel darba, is-sewwieqa tal-karozzi tal-linja u tat-trammijiet ġew ikklassifikati fost l-ewwel għaxar impjiegi b'nuqqas identifikat. In-nuqqas ta' ħaddiema jista' jaċċellera l-awtomatizzazzjoni, li fl-istess ħin tista' tkun opportunità biex tikkumpensa għall-ħaddiema neqsin.

(16) Il-proġett Ewropew ta' riċerka WE-TRANSFORM[26] identifika l-livell ta' importanza tal-ħiliet u l-kompetenzi differenti meħtieġa biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-ambjent tax-xogħol awtomatizzat u diġitalizzat tal-futur, inkluż skont il-mod tat-trasport.

(17) Il-Kummissjoni, assistita mill-aġenziji tagħha, tista' tipprovdi gwida dwar il-ħiliet meħtieġa skont it-tranżizzjoni għall-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, pereżempju permezz ta' studji. Eżempju reċenti huwa l-istudju tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima dwar il-kompetenzi għall-operaturi ta' bastimenti marittimi awtonomi tal-wiċċ minn ċentri ta' kontroll mill-bogħod[27].

(18) L-għodod diġitali mmexxija mill-intelliġenza artifiċjali (IA) jistgħu jgħinu wkoll jidentifikaw il-ħtiġijiet u l-lakuni futuri f'termini ta' ħiliet fil-livell nazzjonali u jgħinu lill-individwi jidentifikaw perkorsi ta' karriera u opportunitajiet ta' apprendiment futuri. Dawn l-għodod, li diġà qed jiġu kkontrollati minn xi servizzi pubbliċi tal-impjiegi[28], jistgħu joffru wkoll opportunitajiet għal soluzzjonijiet aktar sistemiċi fis-setturi kollha.

(19) Fir-rigward ta' setturi oħra, ix-xejra lejn awtomatizzazzjoni u diġitalizzazzjoni akbar fis-settur tat-trasport tenfasizza l-ħtieġa ta' programmi adegwati ta' taħriġ inizjali u kontinwu, inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Dawn il-programmi jeħtieġ li jħejju lill-ħaddiema b'mod effettiv għall-isfidi tax-xogħol futur fil-ħin, peress li l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni jistgħu jwasslu għal diskrepanza bejn id-domanda u l-provvista tal-ħiliet. F'dawn l-aħħar snin, kien hemm żieda sinifikanti fl-għadd ta' impjiegi li fihom il-kapaċitajiet konjittivi huma kruċjali, u dan jagħmel it-taħriġ avvanzat u l-ħiliet kumplessi għas-soluzzjoni tal-problemi aktar importanti għal diversi tipi ta' impjiegi. Barra minn hekk, diġà hemm domanda dejjem akbar għal kompetenzi avvanzati fix-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Matematika (STEM)

---

24 https://year-of-skills.europa.eu/index_en

25 L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, *Report on labour shortages and surpluses – 2022*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023, https://data.europa.eu/doi/10.2883/50704.

26 Workforce Europe – Transformation agenda for transport automation (https://wetransform-project.eu/) – Deliverable D3.2 *Analysis of workforce barriers, needs, skills, and challenges*.

27 https://etendering.ted.europa.eu/cft/cft-display.html?cftId=8079

28 OECD, *Policy brief: Harnessing digitalisation in Public Employment Services to connect people with jobs*, 2022, https://www.oecd.org/employment/activation.htm.

u l-għarfien espert fl-IT, u dan huwa mistenni li jkompli jiżdied fil-futur. Iż-żieda fil-ħtiġijiet f'termini ta' ħiliet tista' potenzjalment tkompli tnaqqas in-numru ta' ħaddiema disponibbli.

(20) Waħda mill-prijoritajiet tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027[29] hija li jissaħħu l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali għat-trasformazzjoni diġitali, inkluż billi tiġi promossa edukazzjoni informatika ta' kwalità għolja u inklużiva minn età bikrija, u billi titħeġġeġ il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-STEM. Dan jista' jgħin, fit-tul, biex jiġu indirizzati d-diffikultajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom l-impjegaturi biex jirreklutaw ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet, inkluż fis-settur tat-trasport.

(21) L-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa tappoġġa l-kisba ta' ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika u t-tranżizzjoni diġitali. Waħda mill-azzjonijiet ewlenin tagħha hija l-Patt għall-Ħiliet[30], li għandu l-għan li jsaħħaħ l-azzjoni kollettiva dwar l-iżvilupp tal-ħiliet permezz ta' sħubijiet.

(22) Fl-isfond tal-ktajjen tal-valur globali, in-natura transfruntiera ta' ħafna attivitajiet tat-trasport, mudelli kummerċjali ġodda u forom ġodda ta' xogħol, huwa kruċjali li l-ħaddiema kollha jiġu inċentivati jipparteċipaw f'miżuri ta' taħriġ biex iżommu l-pass mal-ħtiġijiet dejjem jinbidlu f'termini ta' ħiliet fis-settur tat-trasport. Biex id-diġitalizzazzjoni tkun inklużiva, it-taħriġ dwar kwistjonijiet diġitali jenħtieġ li jkun aċċessibbli għall-gruppi kollha f'riskji ogħla ta' esklużjoni, b'mod partikolari l-persuni b'diżabilità.

(23) Perjodi qosra ta' taħriġ jistgħu jkunu soluzzjoni biex il-forza tax-xogħol tiġi mmotivata sabiex tipparteċipa f'miżuri ta' taħriġ, u biex l-impjegaturi jappoġġaw dan. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà[31] titlob lill-Istati Membri jistabbilixxu oqfsa legali li jiffaċilitaw ir-rekords tal-eżiti tal-apprendiment (pereżempju ċertifikat jew għoti) minn esperjenzi żgħar ta' apprendiment (pereżempju korsijiet online qosra).

(24) Skemi bħal kontijiet individwali tal-apprendiment[32] u qafas ta' abilitazzjoni, inklużi opportunitajiet ta' gwida u validazzjoni, jistgħu jippromwovu l-adozzjoni effettiva tat-taħriġ fis-settur tat-trasport.

(25) Ir-regoli tal-Unjoni dwar il-kwalifiki u t-taħriġ tas-sewwieqa tal-karozzi tal-linja u tat-trakkijiet[33] jistipulaw li s-suġġetti li għandhom jiġu koperti fit-taħriġ perjodiku jqisu l-iżviluppi teknoloġiċi. Ir-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva dwar is-Sewwieqa tal-Ferroviji[34] hija maħsuba biex tallinja aħjar it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tas-sewwieqa

29 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 – Tfassil mill-ġdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-era diġitali (COM/2020/624 final).

30 https://pact-for-skills.ec.europa.eu/index_en

31 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà 2022/C 243/02 (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 10).

32 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment 2022/C 243/03 (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 26).

33 Id-Direttiva (UE) 2022/2561 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għall-ġarr ta' merkanzija jew passiġġieri (kodifikazzjoni) (ĠU L 330, 23.12.2022, p. 46).

34 Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51).

mal-possibbiltà u l-ħtiġijiet tad-diġitalizzazzjoni ferrovjarja u biex tagħmilha aktar faċli għas-sewwieqa tal-ferroviji li joperaw b'mod transfruntier.

(26) Minn naħa waħda, l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni huma mistennija jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tat-trasport, joffru livelli ogħla ta' sikurezza u aktar flessibbiltà (pereżempju xogħol part-time), u jneħħu ħafna kompiti monotoni u fiżikament diffiċli. Dan jista' jagħmel lis-settur b'mod ġenerali aktar attraenti, u b'mod partikolari għall-ħaddiema nisa u għall-gruppi ta' ħaddiema sottorappreżentati, bħal gruppi f'riskju ogħla ta' esklużjoni, ħaddiema żgħażagħ u ħaddiema b'diżabilità. Min-naħa l-oħra, hemm riskju ta' livelli ogħla ta' stress[35] għal xi ħaddiema minħabba perċezzjoni ta' monitoraġġ u sorveljanza kontinwi, inkluż permezz ta' għodod ta' ġestjoni algoritmika[36] jew tal-IA b'mod ġenerali.

(27) L-Unjoni għandha l-għan li tibni IA affidabbli li tpoġġi lin-nies l-ewwel. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni pproponiet tliet inizjattivi legali interrelatati, li jinkludu proposta għal qafas regolatorju (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali)[37] biex il-fornituri u l-utenti tal-IA jingħataw rekwiżiti u obbligi ċari rigward l-użi speċifiċi tal-IA li joħolqu riskji għas-sikurezza u għad-drittijiet fundamentali tal-persuni, inklużi d-drittijiet tal-ħaddiema[38]. Fl-istess ħin, il-proposta għal qafas regolatorju tfittex li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi u finanzjarji għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, u li trawwem l-innovazzjoni. L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea spjegat fid-dettall il-viżjoni tagħha biex tindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet tal-IA fl-avjazzjoni, abbażi ta' approċċ iċċentrat fuq il-bniedem[39].

(28) Il-proposti tal-Kummissjoni biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu permezz ta' pjattaformi diġitali tax-xogħol jinkludu miżuri biex jiġi ddeterminat b'mod korrett l-istatus tal-impjieg ta' dawk il-persuni[40], li se jkun rilevanti għas-sewwieqa tal-konsenja u għas-sewwieqa ta' ride-hailing. Id-Direttiva proposta[41] għandha wkoll l-għan li żżid it-trasparenza fl-użu tal-algoritmi minn pjattaformi tax-xogħol diġitali, filwaqt li tiżgura monitoraġġ mill-bniedem dwar ir-rispett tagħhom tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tagħti d-dritt li wieħed jikkontesta deċiżjonijiet awtomatizzati. Dawn id-drittijiet il-ġodda jenħtieġ li jingħataw kemm lill-ħaddiema kif ukoll lil dawk li ġenwinament jaħdmu għal rashom. Il-Linji Gwida dwar l-

35 Eurofound (2020), *Employee monitoring and surveillance: The challenges of digitalisation*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

36 https://www.eurofound.europa.eu/observatories/eurwork/industrial-relations-dictionary/algorithmic-management

37 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġiżlattivi tal-Unjoni (COM/2021/206 final).

38 Il-proposta tikklassifika bħala ta' riskju għoli "sistemi tal-IA użati fl-impjiegi, fil-ġestjoni tal-ħaddiema u fl-aċċess għal impjieg indipendenti, b'mod partikolari għar-reklutaġġ u għall-għażla tal-persuni, għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-promozzjoni u t-terminazzjoni u għall-allokazzjoni tal-kompiti, għall-monitoraġġ jew għall-evalwazzjoni tal-persuni f'relazzjonijiet kuntrattwali relatati max-xogħol" peress li dawk is-sistemi jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-prospetti futuri tal-karriera u tal-għajxien ta' dawk il-persuni.

39 https://www.easa.europa.eu/en/domains/research-innovation/ai

40 Dawk li, bħala riżultat tad-determinazzjoni korretta tal-istatus tal-impjieg tagħhom, se jiġu rikonoxxuti bħala ħaddiema, se jgawdu minn kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba – inklużi s-saħħa u s-sikurezza, il-protezzjoni tal-impjiegi, il-pagi minimi statutorji jew innegozjati b'mod kollettiv u l-aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ – u jiksbu aċċess għall-protezzjoni soċjali skont ir-regoli nazzjonali.

41 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi (COM/2021/762 final).

applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għal ftehimiet kollettivi[42] jiċċaraw meta ċerti persuni li jaħdmu għal rashom jistgħu jingħaqdu flimkien biex jinnegozjaw fuq bażi kollettiva kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar mingħajr ma jiksru r-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

(29) In-negozjati bejn l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-impjegaturi u lill-ħaddiema (is-sħab soċjali) permezz tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv jgħinu biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Fl-isfond tal-varjazzjoni fil-grad u l-kwalità tal-involviment tas-sħab soċjali fost il-pajjiżi u l-kopertura inugwali tal-ħaddiema permezz ta' ftehimiet kollettivi, il-Kummissjoni ppreżentat inizjattiva[43] biex tkompli ssaħħaħ u tippromwovi d-djalogu soċjali b'azzjonijiet konkreti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni. Fit-12 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea[44], fejn jistabbilixxi diversi modi li permezz tagħhom l-Istati Membri jistgħu jsaħħu d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv fil-livell nazzjonali, inkluż billi jinvolvu lis-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika, jippromwovu l-benefiċċji tad-djalogu soċjali, u jsaħħu l-kapaċità tat-trade unions u tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi.

(30) Skont il-Konvenzjoni dwar ir-Rappreżentanti tal-Ħaddiema 135 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, attwalment ratifikata minn 24 Stat Membru, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu jkunu persuni li huma rikonoxxuti bħala tali skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali, kemm jekk huma rappreżentanti tat-trade unions, jiġifieri rappreżentanti maħtura jew eletti minn trade unions jew minn membri ta' tali trade unions; jew rappreżentanti eletti, jiġifieri, rappreżentanti li jiġu eletti liberament mill-ħaddiema tal-impriża f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet jew tar-regolamenti nazzjonali jew tal-ftehimiet kollettivi u li l-funzjonijiet tagħhom ma jinkludux attivitajiet li huma rikonoxxuti bħala l-prerogattiva esklużiva tat-trade unions fil-pajjiż ikkonċernat. Fejn fl-istess impriża hemm kemm rappreżentanti tat-trade unions kif ukoll rappreżentanti eletti, tali rappreżentanza jenħtieġ li ma tintużax biex iddgħajjef il-pożizzjoni tat-trade unions ikkonċernati jew tar-rappreżentanti tagħhom. Jenħtieġ li tiġi mħeġġa l-kooperazzjoni bejn ir-rappreżentanti eletti u t-trade unions ikkonċernati jew ir-rappreżentanti tagħhom.

(31) L-istudju tal-Kummissjoni dwar l-aspetti soċjali fis-settur tat-trasport marittimu[45] jinkludi rakkomandazzjonijiet u inizjattivi possibbli li jistgħu jikkontribwixxu biex jiġu żgurati kundizzjonijiet adegwati tax-xogħol u tal-għajxien tal-baħħara, inkluż biex jiġu modernizzati l-edukazzjoni u t-taħriġ marittimu ħalli jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi. L-istudju dwar il-Kontrollur tat-Traffiku tal-Ajru (ATCO) u l-Persunal tal-Inġinerija (ATSEP)[46] jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kwistjonijiet umani u soċjali

---

42 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għal ftehimiet kollettivi rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' persuni li jaħdmu għal rashom waħedhom 2022/C 374/02 (ĠU C 374, 30.9.2022, p. 2).

43 Il-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea (COM/2023/38 final); Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Insaħħu d-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea: nisfruttaw il-potenzjal kollu tiegħu biex niksbu tranżizzjonijiet ġusti (COM/2023/40 final).

44 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=consil%3AST_10542_2023_INIT

45 Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport, *Study on social aspects within the maritime transport sector: final report*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2020, https://data.europa.eu/doi/10.2832/49520.

46 Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport, Dhondt, S., Oprins, E., Zon, R., et al., *Study on Air Traffic Controller (ATCO) and Engineering Staff (ATSEP) social issues and working*

preżenti u futuri u l-kundizzjonijiet tax-xogħol kif indikati mill-ATCOs u l-ATSEPs fl-Istati Membri tal-UE.

(32) Il-modi kollha tat-trasport se jiġu affettwati mill-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, kemm jekk permezz ta' bastimenti jew vetturi awtomatizzati kif ukoll permezz ta' proċessi diġitalizzati. Taħlita ta' nuqqas ta' għarfien, nuqqas ta' fehim ta' rekwiżiti ġodda u biża' li ma tiġix indirizzata l-bidla tikkontribwixxi għax-xettiċiżmu u xi drabi għar-reżistenza għall-bidla fis-settur tat-trasport. F'dan l-isfond, is-settur tat-trasport jibbenefika mill-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' modi biex tiġi ġestita aħjar din il-bidla. Il-ġestjoni tat-tibdil tinkludi metodi u modi li bihom kumpanija tiddeskrivi u timplimenta l-bidla kemm fil-proċessi interni kif ukoll f'dawk esterni tagħha biex tiżgura tranżizzjoni kostruttiva u ta' benefiċċju għall-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni.

(33) F'konformità mal-Prinċipju 8 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jinkludi li "l-ħaddiema jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom id-dritt li jiġu infurmati u kkonsultati fi żmien xieraq dwar kwistjonijiet rilevanti għalihom, b'mod partikolari dwar it-trasferiment, ir-ristrutturar u l-fużjoni ta' impriżi u dwar sensji kollettivi", il-pjanijiet ta' ġestjoni tat-tibdil jenħtieġ li jitfasslu b'mod parteċipattiv u f'kollaborazzjoni mill-qrib mar-rappreżentanti tal-ħaddiema.

(34) Id-djalogu soċjali għandu wkoll rwol ewlieni fl-adattament għad-dinja tax-xogħol dejjem tinbidel. Il-Ftehim Qafas tal-2020 dwar id-Diġitalizzazzjoni[47], konkluż mis-sħab soċjali tranżindustrijali Ewropej, huwa eżempju tar-rieda tas-sħab soċjali li jsawru l-futur flimkien. Bl-istess mod, is-sħab soċjali settorjali Ewropej fis-settur tat-trasport wettqu diversi proġetti konġunti dwar l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, li kienu jinkludu rakkomandazzjonijiet konġunti lill-affiljati tagħhom.

(35) Fit-terminu qasir, medju u twil, huwa essenzjali li jkun hemm biżżejjed riżorsi finanzjarji għall-implimentazzjoni ta' miżuri biex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għall-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni għall-forza tax-xogħol tat-trasport. Huwa kruċjali li l-ħaddiema jkunu jistgħu jadattaw għall-ħtiġijiet dejjem jinbidlu f'termini ta' ħiliet. Madankollu, it-taħriġ spiss jitqies bħala li jiswa wisq flus mill-impjegaturi, u dan jista' jaġixxi bħala ostaklu għalihom biex jipprovdu opportunitajiet ta' taħriġ u apprendiment tul il-ħajja. Jekk ma jkun allokat l-ebda finanzjament suffiċjenti biex jappoġġa t-taħriġ u l-apprendiment tul il-ħajja tal-ħaddiema, il-ħiliet tagħhom jistgħu ma jibqgħux jiġu allinjati mar-rekwiżiti tax-xogħol tagħhom, u dan ikompli jżid in-nuqqas ta' ħaddiema.

(36) Fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, jeżistu diversi opportunitajiet ta' finanzjament għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni. Madankollu, dawk li potenzjalment jistgħu jibbenefikaw minn dawn l-istrumenti spiss ma jkunux jafu dwar l-eżistenza tagħhom jew ma jkunux jafu kif jaċċessawhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-informazzjoni dwar il-fondi rilevanti tiġi promossa aktar.

(37) Il-partijiet ikkonċernati tat-trasport Ewropej u nazzjonali – inklużi l-impjegaturi, il-ħaddiema, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-assoċjazzjonijiet tas-settur, u s-sħab

*conditions: final report*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021, https://data.europa.eu/doi/10.2832/68679.

47 https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=521&langId=en&agreementId=5665

soċjali, filwaqt li jirrispettaw l-awtonomija tagħhom – l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw il-gruppi kollha ta' ħaddiema, b'mod partikolari l-gruppi f'riskju ogħla u dawk li jfasslu l-politika u l-awtoritajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali u reġjonali huma mistiedna jikkunsidraw u jippromwovu l-mezzi li ġejjin biex jindirizzaw l-impatt tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fuq il-forza tax-xogħol tat-trasport, bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-isfidi u jiġu sfruttati l-opportunitajiet relatati mas-sensibilizzazzjoni, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-ġestjoni tat-tibdil, u l-finanzjament,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

## 1. SENSIBILIZZAZZJONI

1. L-**impjegaturi** fis-settur tat-trasport jenħtieġ li jkunu konxji tal-impatt tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni biex iħejju lilhom infushom – u l-forza tax-xogħol tagħhom – għal futur li jinkludi l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni b'mod ekwu u ġust.

   Dan jinvolvi s-segwitu regolari tal-aħħar żviluppi fl-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, inkluż l-impatt tagħhom fuq l-operazzjonijiet u l-kapital uman fit-trasport. Peress li l-ewwel element ta' sensibilizzazzjoni huwa t-trasparenza, il-kumpaniji individwali jistgħu jikkunsidraw li jadottaw strateġija ċara li tispjega l-impatt tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fuq il-forza tax-xogħol tagħhom.

   Meta l-kumpaniji jkollhom riżorsi jew kapaċità limitata biex iżommu ruħhom aġġornati dwar l-iżviluppi rilevanti fit-trasport, il-kumpaniji jenħtieġ li jfittxu appoġġ xieraq mill-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi jew mill-assoċjazzjonijiet tas-settur rispettivi tagħhom fil-livell reġjonali, nazzjonali jew tal-Unjoni.

2. L-**organizzazzjonijiet tal-impjegaturi** jenħtieġ li jkollhom rwol attiv fl-għoti ta' informazzjoni rilevanti dwar l-impatt soċjali tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni lill-affiljati tagħhom.

   Jenħtieġ li jagħtu attenzjoni speċjali lis-sensibilizzazzjoni fost l-SMEs fis-settur tat-trasport, li spiss ikollhom riżorsi jew kapaċità limitata biex iżommu ruħhom aġġornati dwar l-iżviluppi rilevanti fl-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni. Sabiex jipprovdu appoġġ imfassal apposta lill-affiljati tagħhom, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi jistgħu, pereżempju, iwettqu valutazzjoni tal-ħtiġijiet fost il-membri tagħhom, jew jinkludu l-impatt soċjali tal-bidliet mistennija fit-trasport fil-lista ta' punti standard tal-aġenda tal-laqgħat rilevanti tagħhom.

3. Il-**ħaddiema** fis-settur tat-trasport jenħtieġ li jkunu konxji dwar l-impatt mistenni tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fuq xogħolhom biex iħejju ruħhom għall-karrieri futuri tagħhom u jibqgħu impjegabbli.

   Dan jista', pereżempju, jinvolvi t-tiftix ta' informazzjoni rilevanti mir-rappreżentanti tal-ħaddiema jew mill-maniġment tagħhom, jew il-parteċipazzjoni f'avvenimenti ta' taħriġ iddedikati.

4. Ir-**rappreżentanti tal-ħaddiema** jenħtieġ li jkollhom rwol attiv fis-sensibilizzazzjoni tal-forza tax-xogħol tat-trasport dwar l-impatt tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fuq xogħolhom.

   Jenħtieġ li tiġi pprovduta informazzjoni rilevanti fil-livelli xierqa, pereżempju, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema fl-impriża jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni lill-ħaddiema tal-impriża; it-trade unions settorjali jew nazzjonali jenħtieġ li jipprovdu

informazzjoni lill-affiljati rispettivi tagħhom; u l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema fil-livell Ewropew għandhom jipprovdu informazzjoni lill-affiljati nazzjonali tagħhom.

Sabiex jiġi pprovdut appoġġ imfassal apposta għall-forza tax-xogħol u jiġu involuti l-ħaddiema kollha, inklużi ċerti gruppi sottorappreżentati, bħall-ħaddiema b'diżabilità u l-ħaddiema bi sfond ta' migrazzjoni, fi djalogu dwar l-impatt mistenni tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fuq xogħolhom, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema jistgħu, pereżempju, jiġbru pakketti ta' informazzjoni, joħolqu taqsima fuq is-sit web, jew jorganizzaw avvenimenti ta' taħriġ iddedikati. Tista' tiġi kkunsidrata wkoll komunikazzjoni mmirata lejn gruppi speċifiċi ta' ħaddiema, pereżempju ħaddiema b'diffikultajiet potenzjali biex jadattaw għal teknoloġiji ġodda.

5. Is-**sħab soċjali** fis-settur tat-trasport huma mistiedna jikkontribwixxu b'mod konġunt għas-sensibilizzazzjoni tal-impjegaturi u tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom f'approċċ ta' sħubija.

Id-djalogu bejn iż-żewġ naħat tal-industrija, pereżempju fil-qafas ta' proċess ta' negozjar kollettiv fil-livell tal-kumpaniji, nazzjonali jew settorjali, jista' jrawwem fehim komuni tal-kwistjonijiet involuti – inkluż ta' definizzjonijiet ta' termini rilevanti – u b'hekk jikkontribwixxi għas-sensibilizzazzjoni dwar l-impatt mistenni tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fuq il-forza tax-xogħol.

Fejn ma sarx diġà, is-sħab soċjali li jipparteċipaw fil-kumitati tad-djalogu soċjali settorjali dwar it-trasport fil-livell Ewropew huma mistiedna jindirizzaw b'mod konġunt l-impatt soċjali tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni.

Is-sħab soċjali settorjali fil-livell Ewropew huma mistiedna jxerrdu b'mod wiesa', kemm lill-affiljati tagħhom kif ukoll lill-kontropartijiet tagħhom f'segmenti oħra tas-settur tat-trasport, ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tagħhom, bħar-Rakkomandazzjonijiet Konġunti dwar it-Trasformazzjoni Diġitali u d-Djalogu Soċjali fit-Trasport Pubbliku Urban fl-Ewropa[48], ir-riżultati mill-proġett kofinanzjat mill-Unjoni dwar l-Impjegabbiltà fis-Settur Ferrovjarju fid-Diġitalizzazzjoni u l-Awtomatizzazzjoni[49], u r-rakkomandazzjonijiet mill-proġett WESS kofinanzjat mill-Unjoni (Kontribut għal Ambjent ta' Ħidma Attraenti, Intelliġenti u Sostenibbli fis-Settur tat-Tbaħħir)[50].

6. **Dawk li jfasslu l-politika** fil-livell nazzjonali u reġjonali jenħtieġ li jużaw id-djalogu eżistenti tagħhom mal-partijiet ikkonċernati tat-trasport biex iqajmu kuxjenza dwar l-impatt soċjali tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni. Il-pjattaformi eżistenti tal-partijiet ikkonċernati jenħtieġ li jintużaw biex jipprovdu informazzjoni rilevanti dwar l-impatt soċjali tat-tranżizzjoni, li l-partijiet ikkonċernati jistgħu mbagħad jgħaddu lill-affiljati tagħhom.

Dawk li jfasslu l-politika jistgħu, pereżempju, jinkludu l-impatt soċjali tal-bidliet mistennija fit-trasport u modi possibbli kif jindirizzawhom fil-lista ta' punti standard tal-aġenda tal-laqgħat rilevanti tagħhom mal-partijiet ikkonċernati tat-trasport, u jistiednu esperti rilevanti. Jekk ikun xieraq, dawk li jfasslu l-politika jistgħu jorganizzaw laqgħat speċifiċi ta' informazzjoni għas-sħab soċjali fis-settur tat-trasport.

---

48 https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=521&langId=en&agreementId=5730

49 https://www.etf-europe.org/resource/employability-in-the-rail-sector-in-light-of-digitalisation-and-automation-eda-rail/

50 https://wessproject.eu/digitalisation/

7. L-**assoċjazzjonijiet tas-settur** (bħall-assoċjazzjonijiet tan-negozju u l-kmamar tal-kummerċ) u l-**organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** li jirrappreżentaw il-gruppi kollha tal-ħaddiema, b'mod partikolari l-gruppi f'riskju akbar ta' esklużjoni mis-suq tax-xogħol (bħall-ħaddiema b'diżabilità u l-ħaddiema bi sfond ta' migrazzjoni), jenħtieġ li jkollhom rwol attiv fis-sensibilizzazzjoni dwar l-impatt soċjali u l-opportunitajiet tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, inkluż billi jinvestu f'kampanji ta' sensibilizzazzjoni u jżidu t-trasparenza dwar il-kostijiet tan-nuqqas ta' antiċipazzjoni u n-nuqqas ta' ġestjoni tat-tibdil.

## 2. IT-TITJIB TAL-ĦILIET U T-TAĦRIĠ MILL-ĠDID

8. **L-impjegaturi, il-ħaddiema u l-awtoritajiet pubbliċi** f'diversi livelli jenħtieġ li jaħdmu flimkien – inkluż mas-sħab soċjali – biex jivvalutaw u jidentifikaw id-diskrepanzi fil-ħiliet u l-ħtiġijiet futuri f'termini ta' ħiliet marbuta mal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fis-settur tat-trasport kollu kemm hu jew f'kumpanija, mod tat-trasport jew okkupazzjoni speċifika.

Meta jagħmlu dan, huma jenħtieġ li jisfruttaw u jxerrdu l-kelma dwar l-għodod eżistenti fil-livell nazzjonali u Ewropew, bħal:

- L-għodod ta' informazzjoni dwar il-ħiliet[51] taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) li jipprovdu evidenza dwar il-ħiliet kurrenti u futuri u x-xejriet tas-suq tax-xogħol. Dawn jinkludu Skills-OVATE li toffri informazzjoni dettaljata dwar l-impjiegi u l-ħiliet li jeħtieġu l-impjegaturi bl-użu tat-teknoloġija tal-big data fuq reklami ta' impjieg online.
- L-Għodda għall-Valutazzjoni tal-Ħiliet Diġitali[52], għodda ta' awtovalutazzjoni li tippermetti lill-individwi jittestjaw il-ħiliet diġitali tagħhom u jaċċessaw opportunitajiet ta' taħriġ xierqa għall-ħtiġijiet tagħhom.
- Il-gwidi tas-Cedefop dwar "Nifhmu l-bidla teknoloġika u l-ħtiġijiet f'termini ta' ħiliet", li għandhom l-għan li jinformaw lill-analisti u lil dawk li jfasslu l-politika dwar il-metodi disponibbli ta' antiċipazzjoni tal-ħiliet użati biex jinnavigaw l-inċertezza tat-teknoloġiji u d-domandi tal-ħiliet dejjem jinbidlu. Pereżempju, l-ewwel gwida prattika[53] tipprovdi informazzjoni utli dwar l-istħarriġiet dwar il-ħiliet fost l-impjegaturi u tal-impjegati.

9. Il-**partijiet ikkonċernati tat-trasport** – inklużi s-sħab soċjali – huma mistiedna joħolqu approċċi strateġiċi u kooperazzjoni għal soluzzjonijiet konkreti għall-

---

[51] It-taqsima "trasport u ħżin"(https://www.cedefop.europa.eu/en/tools/skills-intelligence/sectors?sector=04.08) tinkludi attivitajiet relatati mat-trasport tal-passiġġieri jew tal-merkanzija bil-ferrovija, bil-pipeline, bit-triq, bl-ilma jew bl-ajru, u attivitajiet assoċjati bħal faċilitajiet ta' terminal u parkeġġ, immaniġġjar tal-merkanzija, ħżin eċċ. Barra minn hekk huwa inkluż il-kiri ta' tagħmir tat-trasport bix-xufier jew bl-operatur, u attivitajiet postali u ta' kurrier.

[52] Abbażi tal-Qafas ta' Kompetenza Diġitali, dan it-test bla ħlas (https://digital-skills-jobs.europa.eu/en/digital-skills-assessment ikopri l-litteriżmu tal-informazzjoni u tad-*data*, il-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni, il-ħolqien tal-kontenut diġitali, is-sikurezza, u s-soluzzjoni tal-problemi.

[53] Cedefop, *Understanding technological change and skill needs: skills surveys and skills forecasting*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021, https://data.europa.eu/doi/10.2801/212891. It-tieni gwida prattika (https://data.europa.eu/doi/10.2801/144881) tiffoka fuq metodi awtomatizzati ta' intelliġenza tal-ħiliet: il-big data u l-analiżijiet xprunati mill-IA, filwaqt li t-tielet gwida prattika tiffoka fuq il-metodi ta' prospettiva tat-teknoloġija u tal-ħiliet (https://data.europa.eu/doi/10.2801/307925).

iżvilupp tal-ħiliet fis-settur tat-trasport kollu kemm hu jew f'mod speċifiku ta' trasport, b'enfasi partikolari fuq il-ħiliet diġitali.

Pereżempju, dawk il-modi ta' trasport li għadhom ma involvewx ruħhom fi sħubijiet bħal dawn huma mistiedna jieħdu ispirazzjoni mill-Blueprints li għaddejjin bħalissa għall-kooperazzjoni settorjali dwar il-ħiliet fit-tbaħħir marittimu (SKILLSEA)[54] u fl-industriji tal-provvista u tat-trasport bil-ferrovija (STAFFER)[55], kif ukoll mill-Alleanza tal-Ħiliet tal-Karozzi[56], biex iħejju ruħhom għal bidliet kontinwi u futuri.

Barra minn hekk, il-partijiet ikkonċernati tat-trasport jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Patt għall-Ħiliet, pereżempju billi jistabbilixxu sħubija waħda jew aktar fuq skala kbira dwar il-ħiliet fl-ekosistemi relatati mat-trasport identifikati fl-istrateġija industrijali Ewropea[57]. Il-membri tal-Patt għandhom aċċess għall-għarfien dwar il-ħtiġijiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, pariri dwar strumenti ta' finanzjament rilevanti biex tingħata spinta lill-ħiliet tal-adulti fir-reġjuni u fil-pajjiżi tagħhom, u opportunitajiet ta' sħubija.

L-użu tal-mikrokredenzjali bħala mod immirat għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, jista' jiġi esplorat ukoll, skont l-approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022[58].

10. Abbażi tal-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet f'termini ta' ħiliet, il-**partijiet ikkonċernati tat-trasport** – inklużi s-sħab soċjali – u **l-fornituri rilevanti tal-edukazzjoni u t-taħriġ** huma mistiedna jfasslu u jorganizzaw programmi ta' taħriġ inizjali u kontinwu adegwati, inklużi mikrokredenzjali, u materjal.

Il-programmi ta' taħriġ jenħtieġ li jitfasslu f'perspettiva ta' apprendiment tul il-ħajja, li jikkontribwixxu wkoll għaż-żamma u t-tisħiħ tal-impjegabbiltà tal-forza tax-xogħol tat-trasport, anke fid-dawl tal-bidliet mistennija tal-profili tal-impjiegi jew tal-kompiti fis-settur tat-trasport f'suq tax-xogħol li qed jevolvi. Pereżempju, il-ħidma rilevanti fil-livell Ewropew tinkludi eżerċizzju ta' rendikont dwar il-klassijiet kurrenti ta' aġġornament fil-passaġġi fuq l-ilma interni b'mod ġenerali u b'mod aktar speċifiku għall-operat awtomatizzat tal-bastimenti[59], u t-tqabbil tas-sistemi ta' taħriġ vokazzjonali biex jiġu indirizzati l-bidliet fix-xogħol fil-portijiet[60]. Il-programmi ta' taħriġ jenħtieġ li jitfasslu wkoll b'kunsiderazzjoni xierqa għall-iżgurar tal-inklużività u l-aċċessibbiltà, inkluż billi jitqies l-għadd dejjem jikber ta' ħaddiema akbar fl-età jew ħaddiema b'diżabilità.

11. L-**impjegaturi** fis-settur tat-trasport jenħtieġ li jippromwovu t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid fil-kumpanija tagħhom, jagħmlu l-miżuri ta' taħriġ rilevanti (bħall-

---

54 https://www.skillsea.eu/

55 https://www.railstaffer.eu/

56 https://automotive-skills-alliance.eu/

57 L-ekosistema tal-mobilità – tat-trasport – tal-karozzi tinkludi l-produzzjoni ta' ħwienet tal-vetturi bil-mutur u tal-ferroviji u l-aċċessorji tagħhom, it-tiswija u l-manutenzjoni, kif ukoll it-trasport. L-ekosistema tat-turiżmu tinkludi l-fornituri tal-akkomodazzjoni, l-operaturi tal-ivvjaġġar, l-ospitalità, u t-trasport.

58 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà 2022/C 243/02 (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 10).

59 https://platina3.eu/classes-for-automated-vessel-operation/

60 Proġett ikkofinanzjat mill-Unjoni "Portijiet u Ħiliet: tqabbil tas-sistemi ta' taħriġ vokazzjonali biex jiġu indirizzati l-bidliet fix-xogħol portwarju", https://erasmus-plus.ec.europa.eu/projects/search/details/2019-1-IT01-KA202-007778.

mikrokredenzjali) aċċessibbli għall-membri tal-forza tax-xogħol tagħhom, u jimmotivawhom biex jipparteċipaw f'miżuri ta' taħriġ li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

L-aċċess għat-taħriġ jenħtieġ li jingħata f'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-ftehimiet kollettivi u lill-gruppi kollha ta' ħaddiema. Jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll prattiki addizzjonali ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid, bħall-akkoppjament ta' ħaddiema żgħażagħ u akbar fl-età f'kumpanija tat-trasport biex jiġi ffaċilitat trasferiment reċiproku ta' għarfien espert u ħiliet.

12. Il-**ħaddiema** fis-settur tat-trasport jenħtieġ li jkunu lesti jipparteċipaw fil-valutazzjonijiet tal-ħiliet, u sussegwentement f'miżuri ta' taħriġ li jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' ħiliet speċifiċi tagħhom. Skont il-karriera professjonali tagħhom u fid-dawl tal-bidliet mistennija fil-profili tal-impjiegi jew fil-kompiti fis-settur tat-trasport, huma jenħtieġ li jqisu lilhom infushom f'perspettiva ta' apprendiment tul il-ħajja biex iżommu u jtejbu l-impjegabbiltà tagħhom.

13. **Dawk li jfasslu l-politika u l-awtoritajiet pubbliċi** fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' inizjattivi rilevanti tal-Unjoni għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol f'konformità mal-azzjonijiet fl-ambitu tal-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, u jippromwovu networks rilevanti, bħall-Patt għall-Ħiliet u l-Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali[61], kif ukoll informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament rilevanti tal-Unjoni.

## 3. Titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol

14. Is-**sħab soċjali** fis-settur tat-trasport huma mistiedna jikkontribwixxu għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-kuntest tat-tranżizzjoni għall-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni.

Fejn dan ikun għadu ma sarx, huma mistiedna jinkorporaw, fil-ftehimiet kollettivi tagħhom fil-livell tal-kumpaniji, nazzjonali jew settorjali, dispożizzjonijiet iddedikati dwar l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni. Filwaqt li jiġu ispirati mill-ftehimiet kollettivi eżistenti fit-trasport[62], is-sħab soċjali fil-livell nazzjonali u Ewropew huma mistiedna jidentifikaw b'mod konġunt eżempji ta' prattika tajba ta' tali dispożizzjonijiet dedikati għal kull mod tat-trasport u jaqsmuhom mal-affiljati rispettivi tagħhom.

15. Fid-dawl tar-rwol importanti tad-djalogu soċjali fit-tiswir tat-tranżizzjonijiet ekonomiċi u fit-trawwim tal-innovazzjoni fuq il-post tax-xogħol, u filwaqt li titqies il-varjazzjoni tal-kopertura tan-negozjar kollettiv fis-setturi u l-pajjiżi[63], **dawk li**

---

[61] https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/digital-skills-coalition

[62] Ara, pereżempju, il-ħarsa ġenerali lejn il-ftehimiet kollettivi settorjali dwar l-implikazzjonijiet soċjali tal-awtomatizzazzjoni u/jew id-diġitalizzazzjoni identifikati fi: Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport, *Study on the social dimension of the transition to automation and digitalisation in transport, focusing on the labour force: final report*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021, https://data.europa.eu/doi/10.2832/95224. Eżempji ta' prattika tajba minn setturi oħra jistgħu jinstabu fi: Il-Parlament Ewropew, Id-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni, Bednorz, J., Sadauskaitė, A., Czarzasty, J., et al., *Unionisation and the twin transition: good practices in collective action and employee involvement*, il-Parlament Ewropew, 2022, https://data.europa.eu/doi/10.2861/418933.

[63] Eurofound, *Collective agreements and bargaining coverage in the EU: A mapping of types, regulations and first findings from the European Company Survey 2019*, Dokument ta' xogħol tal-Eurofound, Dublin, 2020.

**jfasslu l-politika** fil-livell nazzjonali u reġjonali jenħtieġ li jinkoraġġixxu u joħolqu l-kundizzjonijiet għat-titjib tal-funzjonament u l-effettività tan-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali.

## 4. IL-ĠESTJONI TAT-TIBDIL

16. L-**impjegaturi** fis-settur tat-trasport jenħtieġ li jintroduċu u jimplimentaw pjanijiet ta' ġestjoni tat-tibdil fil-livell tal-kumpaniji biex jimmaniġġaw it-tranżizzjoni lejn l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni b'mod proattiv u parteċipattiv u jinċentivaw u jippromwovu attitudni pożittiva tal-forza tax-xogħol għat-tibdil. Il-pjanijiet ta' ġestjoni tat-tibdil jenħtieġ li jiġu żviluppati f'kollaborazzjoni mill-qrib mar-rappreżentanti tal-ħaddiema. Il-pjanijiet jenħtieġ li jinkludu dispożizzjonijiet dwar l-evalwazzjoni, il-monitoraġġ u r-reviżjoni tal-metodi u l-modi tal-ġestjoni tat-tibdil tagħhom.

F'dan il-kuntest, l-impjegaturi jenħtieġ li jsegwu l-prinċipji u l-prattiki tajbin stabbiliti fil-Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar[64].

17. L-**organizzazzjonijiet tal-impjegaturi** jenħtieġ li jkollhom rwol attiv fil-promozzjoni u fl-appoġġ tal-ħtieġa u l-merti tal-ġestjoni tat-tibdil lejn l-affiljati tagħhom. Huma jenħtieġ li jagħtu attenzjoni speċjali lill-ħtiġijiet tal-SMEs fis-settur tat-trasport, li spiss ikollhom riżorsi jew kapaċità limitata biex jistabbilixxu l-pjanijiet ta' ġestjoni tat-tibdil tagħhom stess.

Sabiex jipprovdu appoġġ imfassal apposta lill-affiljati tagħhom, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi jenħtieġ li jikkondividu prattiki tajbin għall-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' ġestjoni tat-tibdil.

18. Ir-**rappreżentanti tal-ħaddiema** jenħtieġ li jkollhom rwol attiv fl-iżvilupp ta' pjanijiet ta' ġestjoni tat-tibdil fil-livell tal-kumpaniji, kemm biex iwieġbu għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-forza tax-xogħol kif ukoll biex jiżguraw li l-gruppi kollha ta' ħaddiema jkunu involuti. Dan huwa partikolarment rilevanti biex titrawwem l-inklużjoni diġitali tal-forza tax-xogħol li qed tixjieħ tas-settur tat-trasport.

19. **Dawk li jfasslu l-politika u l-awtoritajiet pubbliċi** jenħtieġ li jakkumpanjaw il-ġestjoni tat-tibdil u jappoġġaw, ixerrdu u jippromwovu l-applikazzjoni wiesgħa tal-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar.

## 5. FINANZJAMENT

20. Il-**partijiet ikkonċernati tat-trasport** – inklużi s-sħab soċjali – huma mistiedna jużaw programmi jew fondi lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni biex jimmaniġġaw l-impatt soċjali tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-iżgurar tal-inklużività u l-aċċessibbiltà għall-ħaddiema kollha, b'mod partikolari l-ħaddiema f'riskji akbar ta' esklużjoni.

Eżempji għal programmi jew fondi nazzjonali[65] huma l-fondi għat-taħriġ, il-fondi settorjali, il-kontijiet individwali tal-apprendiment u l-vawċers. Fil-livell tal-Unjoni,

[64] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar (COM/2013/0882 final).

[65] Ara, pereżempju, il-ħarsa ġenerali lejn il-programmi ta' finanzjament nazzjonali u settorjali identifikati fi: Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport, *Study on social aspects*

hemm varjetà ta' strumenti ta' finanzjament għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, li huma aċċessibbli permezz ta' intermedjarji finanzjarji, permezz tal-awtoritajiet nazzjonali jew permezz tal-Kummissjoni. Ħarsa ġenerali lejn il-programmi jew il-fondi rispettivi, il-proċess ta' applikazzjoni, l-ambitu rigward il-ħiliet, u l-baġit totali għall-2021-2027, tista' tinstab fuq is-sit web tal-Kummissjoni[66]. Iċ-Ċentru tal-Għarfien[67] tal-Patt Ewropew għall-Ħiliet jinkludi bażi tad-*data* online u għodda tat-tiftix għal opportunitajiet ta' finanzjament fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali speċifiċi għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid. L-opportunitajiet ta' finanzjament rilevanti tal-Unjoni għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid biex jiġu appoġġati l-kompetenzi diġitali tal-individwi u tal-organizzazzjonijiet jistgħu jinstabu fuq il-Pjattaforma għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali[68]. Fil-livell nazzjonali, l-informazzjoni dwar il-programmi/fondi rilevanti jenħtieġ li ssir pubblika wkoll.

21. **L-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u r-rappreżentanti tal-ħaddiema** jenħtieġ li jgħinu biex titqajjem kuxjenza fost l-affiljati tagħhom dwar dawn il-programmi jew il-fondi u kif jużawhom. L-istess japplika għall-assoċjazzjonijiet settorjali fil-livell reġjonali, nazzjonali jew Ewropew. Jenħtieġ li jagħtu attenzjoni speċjali lis-sensibilizzazzjoni fost l-SMEs fis-settur tat-trasport, li spiss ikollhom riżorsi jew kapaċità limitata biex isiru jafu dwar programmi jew fondi nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u r-rappreżentanti tal-ħaddiema jenħtieġ li jsemmgħu leħinhom dwar il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom matul il-fażi tat-tfassil ta' dawn il-programmi jew fondi.

22. **Dawk li jfasslu l-politika u l-awtoritajiet pubbliċi** fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jippromwovu u jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni tal-istrumenti ta' finanzjament rilevanti. Meta jistabbilixxu l-prijoritajiet għal dawn il-programmi jew fondi, jenħtieġ li jikkonsultaw lis-sħab soċjali, inkluż mis-settur tat-trasport, dwar il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

Magħmul fi Brussell, 29.11.2023

*Għall-Kummissjoni*
*Adina VĂLEAN*
*Membru tal-Kummissjoni*

VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL
Għas-Segretarju Ġenerali

Martine DEPREZ
Id-Direttur
Teħid tad-Deċiżjonijiet u Kulleġġjalità
KUMMISSJONI EWROPEA

*within the maritime transport sector: final report*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2020, https://data.europa.eu/doi/10.2832/49520.

66 https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1530&langId=en

67 https://pact-for-skills.ec.europa.eu/community-resources/knowledge-hub_en

68 https://digital-skills-jobs.europa.eu/en/opportunities/funding